**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 64**

**It-Tlieta, 2 ta' Mejju, 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa, fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz *Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa*, fil-17:30h.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Is-Sur Carlo Stivala — Kunsillier

**UFFICJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Jordy Brincat | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Adrian Mifsud | Ċermen tal-Bord tal-għażla għal Segretarju Eżekuttiv |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Hadd

**64.01 Qari t'ittri t'apoloġija**

**64.01.01** Il-Kunsillier Joseph Farrugia talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**64.01.02** Il-Kunsillier Johann Borg talab sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet familjari. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**64.01.03** Il-Kunsilliera Maria Mifsud talbet sabiex tkun skużata mis-seduta tal-lum minħabba li tinsab imsiefra. Din it-talba ġiet aċċettata mill-Kunsilliera preżenti.

**64.01.04** L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma' li mingħand l-Kunsillier Carlo Stivala reġa' għal darb'oħra ma kellu l-ebda komunikat. Is-Sindku Scott Camilleri semma' li l-każ issa qiegħed f'idejn id-Dipartiment.

**64.02 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv**

**64.02.01** Is-Sindku Scott Camilleri fetaħ il-laqgħa billi semma' li wara xhur twal mingħajr Segretarju Eżekuttiv, inbeda proċess mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-Kunsilli Lokali fejn m'hemmx Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *full-time* jaħtru wieħed. Il-Kunsill Lokali ingħata lista ta' erba' kandidati prospettivi għal din il-pożizzjoni, u li l-intervisti saru nhar il-Hamis 27 t'April 2023. Is-Sindku Scott Camilleri kompla billi qal li din is-seduta b'urġenza qed issir biex il-Kunsill Lokali Birżebbuġa, jaħtar Segretarju Eżekuttiv kemm jista' jkun malajr.

*Hawnhekk daħal iċ-Ċermen tal-Bord tal-għażla is-Sur Adrian Mifsud sabiex jintervjeni dwar il-proċess tal-għażla u r-riżultat finali.*

**64.02.02** Iċ-Ċermen Adrian Mifsud beda billi qal li l-bord kien maħtur minnu bħala *Ċermen* kif ukoll mis-Sindku Scott Camilleri u l-Viċi Sindku Josette Busuttil u s-Segretarja tal-Bord Stephanie Aloisio. L-erba' kandidati eliġibbli attendew kollha fil-ħin mitlub u ġew assessjati fuq il-kriterji mibgħuta mill-istess Diviżjoni. Wara li saru l-intervisti, sar l-assessjar ta' kull kandidat. L-iżjed kandidat li ġab punti għoljin huwa is-Sur Jordy Brincat. Għalhekk il-Bord tal-għażla qed jirrakkomanda lill-Kunsill Lokali sabiex ikun hu li jiġi maħtur bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa.

**64.02.03** Is-Sindku Scott Camilleri qal li hu bħala persuna li kien parti mill-bord ikkonferma dak kollu li qal iċ-Ċermen. Għalhekk qed iressaq fuq il-mejda kopja tar-rapport kif ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-bord bil-ħatra tas-Sur Jordy Brincat. Hu qal lis-Sur Jordy Brincat ilu jservi fil-Kunsill Lokali - kemm bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv minn Jannar tal-2021 u wara bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv. Hu ħadem fil-qrib u jaf bil-kwalitajiet u l-interess li jieħu fil-ħidma tal-Kunsill. Dwar il-ħatra tas-Sur Jordy Brincat, kien hemm qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha.

**64.03 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**64.03.01** Is-Seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00h wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 29 ta' Mejju, 2023, fil-17:30h.

**Ikkonfermati llum it-Tnejn 29 ta' Mejju 2023**

**IFFIRMATA**
________________________
**Scott Camilleri**
*Sindku*

**IFFIRMATA**
____________________________
**Jordy Brincat**
*Segretarju Eżekuttiv*